Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 309/2013

**Charichelon Company Limited**
**(appellanti)**

**Vs**

**Amanda Greaves**
**(appellata)**

22 ta' Settembru, 2017.

**Il-Qorti,**

1. Permezz ta' rikors preżentat fl-4 ta' Ottubru 2013, is-soċjetà l-attriċi talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma komplessiva ta' **sitt elef erba' mija u seba' ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu ta' ewro (€6,407.45)**, rappreżentanti s-somma dovuta mill-konvenuta meta tterminat unilateralment l-impieg tagħha fl-14 ta' Diċembru 2012 bi ksur tal-kuntratt tal-impieg iffirmat minnha fit-22 ta' April 2010 b' effett mis-26 ta' April 2010 għal perjodu definit ta' erba' snin mid-data tal-kuntratt.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-6 ta' Novembru 2013, il-konvenuta eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni *ratione marerie* tal-Qorti tal-Maġistrati in kwantu kwistjonijiet bħal dawn huma vestiti esklussivament fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont l-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; bla preġudizzju, eċċepiet ukoll li hija kellha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-liġi sabiex ma tkomplix fl-impieg tagħha mas-soċjetà attriċi u li l-ammont kif reklamat mhuwiex dovut.

3. Permezz ta' sentenza in parte tat-12 ta' Frar 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari. Sentenza li hi ġudikat għaliex ma sarx appell minnha.

4. B'sentenza tas-17 ta' Mejju 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet kif ġej:

*'M'hemmx dubju li huwa minnu li l-konvenuta kissret il-kuntratt tax-xogħol definit tagħha pero' daqstant jirriżulta li hija telqet minħabba proprju dak li jissejjaħ contructive dismissal u dan għaliex l-kundizzjonijiet imposti fuqha ma kinux raġonevoli u dawk aċċettati fil-ħajja lavorativa ta' bniedem normali u għalhekk it-talba tas-soċjeta' attriċi sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha is-somma indikata fir-rikors qed tiġi miċħuda u qiegħda għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess konvenuta. L-ispejjez huma a karigu tal-istess soċjeta' attriċi.'*

5. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà attriċi. L-aggravju tagħha jikkonsisti prinċipalment fil-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta waslet għad-deċiżjoni li l-appellata, "*telqet minħabba proprju dak li jissejjaħ constructive dismissal u dan għaliex l-kundizzjonijiet imposti fuqha ma kienux raġjonevoli u dawk aċċettati fil-ħajja lavorattiva ta' bniedem normali".* Fil-fehma tas-soċjetà appellanti l-Ewwel Qorti kellha tiċħad il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet tal-appellata u tilqa' t-talbiet tagħha.

6. Fl-1 ta' Ġunju 2016 l-appellata wieġbet li l-aggravji sollevati jirriduċu ruħhom għal kritika tal-fatti u provi li għamlet l-Ewwel Qorti u li fil-każ odjern ma hemm l-ebda raġuni gravi u impellenti li tagħti lok biex jiġi ddisturbat l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Fil-mertu tgħid li s-sentenza appellata hi ġusta u jisħoqqilha konferma.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

7. Illi fis-sentenza tal-ewwel qorti intqal:

*'1. Is-soċjeta' attriċi kienet impjegat lill-konvenuta u dan bħala 'make up artist' skond kuntratt tax-xogħol esebit fl-atti mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-proċess datat 22 ta' April 2010 u dan skond il-klawsola numru 2 għall-perjodu definittiv ta' erba' snin b'effett mis-26 ta' April 2010 taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija. (skond klawsola numru 5 (a)).*

*2. Jingħad li f'dan il-kuntatt hemm miftiehem bejn il-partijiet fil-klawsola numru 20 (a) li "This agreement constitutes the entire agreement between the parties hereto and supersedes any previous agreements and/or understandings, whether oral or in writing. There are no other agreements, contracts, underakings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise in existence between the parties hereto in relation to matters covered by this Agreement."*

*3. Illi l-konvenuta bdiet l-impieg tagħha b'mod regolari sakemm nhar l-14 ta' Diċembru 2012 hija bagħtet ittra ta' riżenja lis-soċjeta' attriċi mmarkata bħala Dok CSH esebita fl-atti a fol. 13 u dan għaliex tistqarr li kellha titlaq mix-xogħol minħabba 'constructive dismissal' da parti tas-soċjeta' attriċi.*

*4. Illi s-soċjeta' attriċi qed tippretendi li l-konvenuta għalhekk għandha tħallasha s-somma ta' €6,407.45 rapprezentanti nofs il-ħlas ta' salarju li kienet tkun intitolata għalih l-konvenuta li kieku baqgħet fl-impieg tagħha tul il-perijodu kollu tal-kuntratt definittiv peress li telqet mix-xogħol fil-perjodu operattiv tal-kuntratt definittiv tagħha.*

*5. Minn naħa l-oħra l-konvenuta qed tgħid li l-flus mitluba mhux dovuti għaliex hija kellha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-liġi sabiex ma tkomplix fl-impieg tagħha mas-soċjeta' attriċi.*

*6. Illi għalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex teżamina x-xhieda sabiex tara jekk effetivament ir-raġunijiet mogħtija mill-konvenuta għat-terminazzjoni unilaterali tal-impieg tagħha kienux validi u ġustifikati.'*

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li dan kien każ ta' *constructive dismissal* hu prinċipalmet bażat fuq dak li xehedet dwaru l-konvenuta, ċjoe' li l-attriċi kienet tippretendi ħafna mingħandha billi tħaddimha ħinijiet twal mingħajr *break* jew *break* li ma jeċċedix ħmistax-il minuta jew tletin minuta f'*shift* ta' tnax-il siegħa u li kellha diffikoltajiet biex tieħu l-*leave* speċjalment peress li kellhom bilfors jippjanaw is-sena kollha bil-quddiem u f' każ li jintalab *leave* addizzjonali matul is-sena skont il-bżonn li kien jinqala', dan ma kienx jingħata faċilment. Il-Qorti tal-Maġistrati rreferiet għall-episodji li xehedet dwarhom il-konvenuta appellata meta hija kellha diffikultajiet tieħu l-*leave* għat-tieġ ta' ħuha u biex takkumpanja lill-missierha l-Isptar meta dan ġie *diagnosed* b'kanċer. Qieset ukoll li l-appellata xehedet li fi żmien il-Milied kienet taħdem sebgħat ijiem fil-ġimgħa; li kien hemm ġranet fejn kienet tkun ma tiflaħx u kienu jċemplulha rappreżentanti tal-appellanti biex tidħol għax-xogħol; li ma tantx kienet tiġi murija rispett u kellha ħafna stress minħabba t-*targets* ta' bejgħ li kien jiġi pretiż minnha fis-somma ta' €6,000 fix-xahar; li dan kien iwassal għal pika bejn il-ħaddiema tant li l-atmosfera spiċċat waħda impossibbli li taħdem fiha; u li ġiet ammessa l-Isptar tbagħti minn *severe palpitations* kif konfermat mill-psikjatra **Dr George Debono** fix-xhieda tiegħu.[1] Dan tal-aħħar iċċertifika li l-appellata kienet tbati minn *acute anxiety depression syndrome* u kkonkluda li dan kaġun tal-kundizzjoni tax-xogħol tagħha u apparti li ppreskrivielha medikazzjoni għal dik il-kundizzjoni kien saħansitra ta' parir biex tbiddel l-impieg tagħha. L-ewwel qorti qieset ukoll li minkejja dan ingħatat *promotion* f'Ġunju 2012.

9. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li din ix-xhieda ġiet korraborata minn diversi persuni oħra, senjatament l-ex-kollega tagħha **Clara Farrugia** li xehedet permezz ta'

[1] Fol. 162 et. seq.

affidavit[2] li hi stess telqet mill-impieg tagħha mas-soċjetà attriċi għax ma felħitx aktar, ommha **Maria Stella Greaves**[3] u l-għarus tagħha **Luke Żammit**[4] li t-tnejn xehdu *viva voce* fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2014, l-ex kollega tagħha **Alkida Rama**, li xehedet in eżami fl-4 ta' Marzu 2015[5] u in kontro-eżami fit-13 ta' Mejju 2015,[6] qalet li hija ukoll telqet mill-impieg tagħha minn mas-soċjetà appellanti għall-istess raġunijiet, u l-mara ta' ħuha **Donnha Greaves** li kkonfermat li qalet il-konvenuta dwar l-istat ħażin li spiċċat fih il-konvenuta minħabba l-impieg tagħha mal-appellanti u s-siegħat twal ta' xogħol li ma kienux jippermettulha żżur lill-missierha l-Isptar.

10. Il-fatti fuq imsemmija wasslu l-Qorti tal-Prim' Istanza tasal għal fehma illi:

> *'għalhekk m'hemmx dubju li l-konvenuta uriet għas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament hija kellha problema fuq ix-xoghol u li saħansitra kienet qed timrad minħabba il-kundizzjonijiet tax-xogħol. M'hemmx dubju li ċ-ċertifikazzjoni medika li iġġib dati differenti waqt l-impieg li l-konvenuta kellha mas-soċjeta' attriċi jikkonfermaw li effettivament il-konvenuta kellha problemi ta' saħħa u kif ġie suġġerit lilha mill-Psikjatara hija kellha tbiddel l-impieg tagħha. Ġie ukoll konfermat minn diversi xhieda prodotti minnha li dak li allegat dwar ħinijiet twal, nuqqas ta' leave fiż-żmien rikjest, nuqqas ta' breaks adegwati u stress qawwi fuq ix-xogħol kienu kwistjonijiet ta' kuljum.'*

11. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkunsidrat ukoll ix-xhieda ta' **Colin Aquilina**[7] kif ukoll id-dokumenti li ppreżenta u osservat:

> *'fl-ebda ħin ma ġie kontestat minnu li effettivament verament l-konvenuta kienet qed timrad fuq il-post tax-xogħol minħabba s-siegħat twal u stress li kellha. Lanqas ma ġie miċħud minnu li kien hemm diversi nisa li telqu mix-xogħol qabel minħabba il-kundizzonijiet stressanti tax-xogħol. Colin Aquilina jesebixxi l-payslips sabiex jipprova jindika lill-Qorti li effettivament il-konvenuta kienet taħdem b'mod regolari u li in effetti dejjem ingħatat leave u li mhux minnu dak li qalet. Jagħti l-impressjoni li din hija kollha mise en scene tal-konvenuta u ċioe' bħala skuża sabiex timpjega ruħha band' oħra. Minkejja dan fil-proċess hemm ukoll esebit korrispondenza li bagħtet il-konvenuta stess lil Colin Aquilina fejn uriet id-dispjacir tagħha kif kienet qed tiġi trattata u ċioe' li l-working team iġieghlha tħossha 'six feet under'. Fil-fatt f'e-mail datata 21 ta' April 2011 esebita fl-atti a fol 79 hemm indikat li l-konvenuta kienet muġuha ħafna u cio' nonostante lanqas ma tħalliet tmur lura d-dar u darba oħra fit-3 ta' Mejju 2011 ukoll uriet id-diżappunt tagħha għal dak li kien qed jiġri fir-rigward tagħha fuq il-post tax-xogħol u li għalhekk id-dirigenti tas-soċjeta' attriċi kienu konxji ta' dak li kien għaddej u ċioe' li l-konvenuta ma kinitx kuntenta b'dak li kien għaddej.*

---

[2] Fol. 165 et. seq.
[3] Fol. 167 et. seq.
[4] Fol. 169 et. seq.
[5] Fol. 173 et. seq.
[6] Fol. 179 et. seq.
[7] Fol. 34 et. seq u 143.

*Bid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta biċ-ċar li l-konvenuta ngħatat leave u dan bħala fatt ma ġiex kontestat minnha pero' ma jirriżultax l-attegjament li dwaru xehdet l-konvenuta u l-kundizzjoni ta' kif tingħata l-leave u meta in effetti tingħata wara li tkun saret it-talba apposita.'*

12. Permezz tal-aggravju tagħha s-soċjetà attriċi tilmenta li:

- fl-2012 l-konvenuta appellata ħadmet medja ta' 44.97 siegħa fil-ġimgħa (ċioé 9 sigħat kuljum f'ġimgħa lavorattiva ta' ħamest ijiem) li huwa inqas mill-limitu li tippermetti l-liġi in konformità mal-liġi u l-kuntratt tal-impieg tagħha;[8]

- 94% mis-sahra mitluba minnha ġiet approvata u dawk li ġew miċħuda kienu minħabba eżiġenzi ta' xogħol;[9]

- kuljum kienet tieħu siegħa *break* salv darbtejn jew tlieta fix-xahar;[10]

- fil-perjodu tal-Milied 2012 ħadmet sitt ijiem fil-ġimgħa peró ċaħdet li kienet taħdem f'jum il-Milied;

- mill-*Employee Self Evaluation Form* għas-snin 2010 u 2011 jirriżulta li hija kitbet affarijiet pożittivi dwar is-soċjetà appellanti;[11]

- il-korrispondenza interna[12] u x-xhieda ta' **Edwina Busuttil**[13] turi li l-ilment tal-appellata kienu infondati u messa in xena. L-Ewwel Qorti ma jidhirx li tat każ ix-xhieda tal-imsemmija Edwina Busuttil;

- ix-xhieda ta' **Clara Farrugia, Maria Stella Greves**, **Luke Żammit** u **Alkida Rama** kellha tiġi evalwata mill-Qorti tal-Prim' Istanza b' ċirkospezzjoni inkwantu mill-provi prodotti mis-soċjetà appellanti jirriżulta li dawn għamlu dikjarazzjonijiet fattwalment skorretti;[14]

[8] Fol. 111 u 2.
[9] Fol. 89 – 90.
[10] Fol. 127 sa 137.
[11] Fol. 70,81, 86 u 87.
[12] Fol. 80 sa 82.
[13] Fol. 182 et. seq.
[14] Saret referenza ukoll għal fatti li ma jirriżultawx mill-atti f' paragrafu 13.2 tal-appell.

- l-appellanti ġeneralment kienet tispiċċa xogħol fis-7:15pm u kien biss eċċezzjonalment li kient tispiċċa wara;[15]

- Dr Falzon qatt ma tħarrek bħala xhud fir-rigward l-kundizzjoni ta' *Irritable Bowel Synrome* li allegatament sofriet minnha l-appellata. Dwar l-istess kundizzjoni s-soċjetà appellanti tenniet li l-appellata kien ikollha tal-inqas siegħa *break* kulljum, ħin biżżejjed biex tiekol u tistrieh u li l-konvenuta appellata allegatament qatt ma nfurmat lis-soċjetà appellanti b' din il-kundizzjoni;

- mill-provi ma jirriżultax li l-appellat talbet il-permess tad-diriġenti sabiex tingħata permess iżżur lill-missierha l-Isptar;

- mid-dokumentazzjoni, l-Ewwel Qorti qatt ma setat tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ma kkunsidratx li t-theddid li l-appellata kienet tagħmel li hija ser titlaq mix-xogħol minħabba *promotions* li jieħdu kollegi tagħha jew raġunijiet oħra, li ma kkontestatx id-dokumenti eżebiti jew il-paga li kienet tirċievi;

- **Dr George Debono** f' sessjoni waħda stabbilixxa li l-appellata kellha ansjetà u *depression* peró ma setax jgħid jekk dan il-fatt kienx attribwibbli għax-xogħol jew le, qal hekk għax qaltlu l-appellata;[16]

- id-dokumenti eżibiti juru li l-appellanti ma kellhiex raġunijiet tajba u biżżejjed biex titlaq mill-impieg;

- iċ-ċertifikat maħruġ minn **Dr. Taygeta Firman** għandu jiġi skartat peress li jirreferi għall-perjodu ta' kważi sentejn qabel ma l-appellanti abbandunat il-post tax-xogħol, din it-tabiba ma ttellgħatx tixhed u s-*self evaluation forms* magħmulin mill-appellata me jirreferux għal dak li qalt din it-tabiba fiċ-ċertifikat tas-6 ta' Novembru 2010.

- **Dr A. Cauchi** li għamlilha *referral ticket* għal Mater Dei ma ttellax jixhed u f'kull każ ma assoċjax il-kundizzjoni tal-appellata ma' dwejjaq fuq il-post tax-xogħol jew affarijiet simili;

---

[15] Fol. 127 – 137.
[16] Fol. 162.

- fl-emails tagħha lil Colin Aquilna l-appellata ma għamlet l-ebda referenza għall-problemi ta' saħħa li allegatment kellha.[17]

13. Kif tajjeb irrilevat l-appellanti fir-risposta tal-Appell tagħha, '*meta wieħed jagħsar l-aggravji kollha sollevati mill-appellanti, dawn essenzjalment jirriduċu ruħhom f'aggravju wieħed - dak li l-Ewwel Qorti għmalet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi illi kellha quddiemha.*'

14. Din il-Qorti kemm il-darba tenniet li:

> '*Huwa paċifiku li **f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi**, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" – **Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai**, Appell Ċivili, 14.01.1993.*'[18]

15. Madanakollu l-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

> '*…bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et - vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*'[19]

16. Dan ifisser illi:

> '*... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti **ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta**, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*'.[20]

---

[17] Fol. 83.
[18] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.122003.
[19] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004.
[20] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004.

17. Fit-tieni eċċezzjoni l-konvenuta argumentat li kien hemm *"raġunijiet validi u suffiċjenti fil-liġi sabiex ma tkomplix fl-impieg tagħha mas-soċjeta rikorrenti"*. Madankollu l-ewwel qorti ddeċidiet dwar jekk kienx hemm *constructive dismissal*, u waslet għall-konklużjoni li kien hemm. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta.

18. Kienet il-konvenuta stess li fl-ittra ta' riżenja kitbet:

> *"By means of the present you are hereby being informed that for the reasons which I have already extensively explained to you I am forced to resign from my position with effect from 15/12/2012 and this as a result of constructive dismissal from your part"*.

Biex jirnexxi dan l-argument irid jiġi determinat li kien hemm ksur tal-kuntratt min-naħa tal-prinċipal.

19. Wara li l-qorti qrat l-atti kollha, tosserva:

i. Il-konvenuta jidher li eżagerat meta qalet li kienet qegħda taħdem, *"…. close to 12-hour days with hardly any break whatsoever"*, għallinqas fir-rigward tas-sena 2012. L-attriċi ppreżentat dokumenti li juru s-sigħat ta' xogħol li ħadmet il-konvenuta f'kull ġurnata li rraportat għax-xogħol matul is-sena 2012. Minn dawn id-dokumenti, li ma ġewx kontestati mill-konvenuta, ma jirriżultax li matul is-sena 2012 l-attriċi kienet qegħda taħdem kważi tnax-il siegħa kuljum. Pero' jirriżulta wkoll li b'mod regolari ġurnata xogħol kienet tfisser iktar minn tmien sigħat xogħol. L-attriċi ssostni wkoll li l-konvenut kienet normalment tispiċċa xogħol fis-7.15 pm u kien rari li tispiċċa wara. Mir-records tas-sena 2012 jirriżulta li għalkemm dan hu minnu għax-xhur Jannar sa Ottubru, f'Novembru u Diċembru l-konvenuta kemm-il darba ħadmet sa bejn is-7.40 u t-8.00 ta' filgħaxija. Il-qorti tosserva wkoll kif skont il-kuntratt ta' mpieg tal-konvenuta, kellha paga ta' €12,169.04 fis-sena, *"for all the time worked* ***inclusive of payment for up to fourteen (14) hours of overtime per week****"*. Dan ifisser paga ta' €234.02 għal ġimgħa, liema ħlas jinkludi sa erbatax-il siegħa sahra fil-ġimgħa. Kuntratt mimli bi klawżoli li tista' tgħid prinċipalment iħarsu l-interessi tal-prinċipal biss, kif wara kollox hi l-klawżola li l-ewwel erbatax-il siegħa sahra huma mħallsin mill-paga.

Ix-xhud Alkida Rama li bħall-konvenuta kienet għamlet żmien taħdem mas-soċjeta attriċi xehedet: *"Bħala assistant manager jiena kelli nibda x-xogħol fit-tmienja u nofs. Suppost kien ikollna siegħa break u jekk il-ħanut jagħlaq fis-sebgħa u nofs ikollna nofs siegħa biex nirranġaw u għalhekk titlaq mix-xogħol fit-tmienja. Pero' kien hemm ċirkostanzi meta aħna spiċċajna fid-disgħa ta' filgħaxija u ġieli dħalna fis-sebgħa ta' filgħodu minħabba d-domanda tal-klijenti. Naf li kien hemm perjodu ta' żmien anki li brejk ma kienx ikollna ta' għaxar minuti biss"*. Pero'

mir-records tas-sena 2012, ma jirriżultax li l-konvenuta kienet tibda xogħol fis-7.00 ta' filghodu jew li l-break tagħha kien ikun ta' għaxar minuti. Matul l-istess sena lanqas ma jirriżulta li qatt spiċċat mix-xogħol fid-9 ta' filgħaxija.

ii. L-attriċi lmentat ukoll dwar kemm kien qasir il-break. Xehedet li fuq medja l-break kien ikun *"a 15 minute break (which occassionally stretched up to a maximum of 30 minutes"*. Mit-tagħrif li hemm fid-dokumenti li jirreferu ghas-sena 2012, dan ma jirriżultax li kien il-każ u anzi jirriżulta li kienet tieħu break ta' madwar siegħa. Dwar dan xehed Luke Zammit, li identifika ruħu bħala l-għarus tal-konvenuta: *"Niftakar li darba minnhom kont akkumpanjajtha għand it-tabib Dr Paul Falzon u kien qalilha li għandha problema. Fil-fatt qalilha li kellha bidu ta' tip ta' eating disorder li huwa IBS, irritable bowel syndrome u dan għaliex il-break ma kienx ikun fl-istess hin u dejjem ma kienx ikun hemm l-istess ammont ta' tul ta' żmien"*. Dr Falzon ma tħarrikx bħala xhud. Mir-records tas-sena 2012 jidher li hu veru li l-break ma kienx ikun dejjem fl-istess ħin, pero' mill-ħin li jkun dam jidher li bħala regola kien hemm biżżejjed ħin biex il-konvenuta tkun tista' tiekol.

iii. L-attriċi qalet li f'Diċembru kien ikollha taħdem mit-Tnejn sal-Ħadd. Pero' mill-istess dokumenti jirriżulta li f'Diċembru 2012 matul il-ġimgħa kien qiegħed ikollha ġurnata off, għalkemm f'ġimgħa kienet qegħda taħdem sitt ijiem. Hekk per eżempju ħadmet fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru, 2012 u fl-ewwel gimgħa ta' Diċembru 2012. F'dawk iż-żewġ ġimgħat ħadmet iktar minn ħamsin (50) siegħa fil-gimgħa.

iv. Għal dak li hu leave, il-konvenuta lmentat li kien ikollhom jippjanawh mill-bidu tas-sena. Jekk hu hekk, il-qorti ma tara xejn ħażin f'din il-proċedura. L-attriċi qalet li minħabba din il-proċedura, ma kienx possibbli għaliha li tieħu l-leave meta missierha kien marad u kellu bżonn imur l-isptar għall-kura. Pero' m'hemmx prova li kienet iddiskutiet dan il-fatt mal-*management* fiż-żmien li missierha kien qiegħed jieħu l-kura. Inoltre, mid-dokumenti li ppreżentat jidher li matul is-sena 2012 ma kienx hemm iktar minn ħamest ijiem leave li ma ġiex approvat. Dwar il-leave l-ewwel qorti osservat: *"Bid-dokumentazzjoni esebita jirriżulta biċ-ċar li l-konvenuta ngħatat leave u dan bħala fatt ma ġiex kontestat minnha* ***pero' ma jirriżultax l-atteġġament li xehdet dwaru l-konvenuta u l-kundizzjoni ta' kif tingħata l-leave u meta in effetti tingħata wara li tkun saret it-talba appożita"***. Għalhekk l-ewwel qorti wkoll ma kinitx konvinta mill-ilment dwar il-leave.

v. L-attriċi semmiet ukoll problemi relatati ma' teħid ta' sick leave. Bażat fuq ir-records tas-sena 2012 ma jirriżultax li kien hemm xi okkazzjoni meta rraportat sick leave u daħlet ix-xogħol iktar tard matul il-ġurnata. Dan apparti li mill-istess dokumenti jidher li matul is-sena 2012, sa Novembru kienet ħadet biss ħamest ijiem *sick leave*. Semmiet ukoll id-

diffikulta li kienet issib meta kien iħossha ma tiflaħx u titlob li titlaq mix-xogħol. Dettalji ma tatx. F'dan ir-rigward Edwina Busuttil xehedet, *"Kien ikolli nċempel il-head of administration biex ituni l-approval u nkun nista' nibagħthom. Qatt ma kelli problemi li ma naqbadhiex il-head of administration. Ngħid li forsi kien ikun hemm xi half an hour, one hour qabel ma nibaghtuha"*. Dan jikkontradiċi dak li qalet il-konvenuta li, *"Whenever I felt sick at work, it would take hours before they would let me go home"*.

vi. M'hemmx prova li l-konvenuta qatt ilmentat mas-superjuri tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol li rriferiet għalihom fl-affidavit, ċjoe' l-ħinijiet twal ta' xogħol, il-leave, sick leave u *sale targets*. Hemm biss email li tidher li ntbagħtet għal ħabta ta' April, 2011 fejn il-konvenuta lmentat li:

- Fl-aħħar tlett xhur kienu nbidlu l-affarijiet bejn l-impjegati, u filwaqt li qabel kienet kuntenta tmur għax-xogħol, issa kienet imdejqa;
- Kienet qegħda taħseb li tirriżenja għaliex kien hemm ħafna wegħdiet li nkissru u kienet għadha diżappuntata li wara sena kienet għadha *make-up artist*. Pero' ma semmietx x'kienu l-wegħdiet;
- Il-ġurnata ta' qabel li bagħtet l-*email*, kienet muġugħa ħafna u ma ntbagħtitx id-dar;
- Impjegata li kienet ħadet it-taħriġ mingħandha, kienet saret Assistant Manager qabilha.

vii. Fit-22 ta' April, 2010 bdiet taħdem mas-soċjeta attriċi. Fis-*self appraisal* li għamlet fit-2 ta' Ottubru 2010 kitbet, *"I am honoured and proud that I work for Inglot, and would like to keep growing with Inglot and Rocs and try to imporve my skills more and more"*. Fit-30 ta' Settembru, 2010 bagħtet email lis-superjuri tagħha fejn irringrazjathom tal-laqgħa li kellha u żiedet, *"I honestly love my job, I have a great passion for make up and I do believe that it shows in my work, but yes I also believ that I lacked in my sales these few months and my attitude maybe changed at work, even with my colleagues, it was just me closing in and not letting out what was bothering me at work, and would lie to clear a particular area that worried me......"*. Ghamlet *self appraisal* ieħor **fit-3 ta' Jannar, 2012** fir-rigward tas-sena 2011, fil-parti *Comments* kitbet: ***"I enjoy what I do but I need to improve more and more even though I have already achieved alot. I appreciate what the company has given me so far"***. F'dan id-dokument ma sar l-ebda aċċenn għall-problemi kollha li l-konvenuta semmiet fl-affidavit, għalkemm fejn kellha tikkumenta, per eżempju dwar il-manager, ma ddejqitx tikkummenta. Il-kovenuta ma komplitx taħdem mal-konvenuta mill-15 ta' Diċembru, 2012. Hemm ukoll email datata 20 ta' Lulju, 2012 li l-konvenuta bagħtet lil Colin Aquilina fejn qaltlu, *"I would like to thank you for the meeting of Tuesday. I found it very helpful and I feel it helped us already. Thank you for your understanding and support it is very much appreciated. Good day"*.

Xehedet ukoll Edwina Busuttil li għamlet snin taħdem mas-soċjeta' attriċi u kienet is-superjur tal-konvenuta. Minn dak li qalet ma tatx x'tifhem li l-konvenuta kienet tilmenta dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol.

viii. L-attriċi semmiet li kien hemm ukoll diversi impjegati li għamlu bħalha. Pero' bhala xhieda ressqet biss lil Clara Farrugia u Alkida Rama, li jidher li din tal-aħħar hi wkoll involuta f'kawża mas-soċjeta attriċi.

20. L-attriċi ħarrket lill-konvenuta sabiex tħallasha nofs il-paga għall-perjodu li kien fadal mill-kuntratt ta' impieg. Skont l-artikolu 36(14) tal-Kap. 452, dan il-ħlas mhuwiex dovut jekk l-impjegat jitlaq is-servizz **ghal raguni tajba u sufficjenti**.

21. Li kien hemm pressjoni fuq il-post tax-xogħol jirriżulta mid-deposizzjoni ta' impjegati oħra bħal Clara Farrugia. Il-konvenuta ppreżentat ċertifikat mediku tal-psikjatra Dr George Debono datat 7 ta' Diċembru, 2012 li ċċertifika:

> *"This is to certify that I have examined Amanda Greaves after being referred by her GP Dr P. Falzon for an acute anxiety/depression syndrome. On examination she had signs and symptoms of **acute anxiety with regular depressive moods**. Her condition appeared to be reactive in nature and appears to be **directly related to her present work environment**. I have prescribed medication but due to the reactive nature of her condition as part of treatment **I have advised her to change her work**".*

Dr Debono xehed fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014 fejn ikkonferma r-rapport, u kkonferma *"stabbilejt li l-pazjenta Amanda Greaves kienet qed tbaghti minn depression u anxiety .....".* Pero' ma ftakarx dettalji.

Jirriżulta wkoll li fil-21 ta' Mejju, 2012 il-konvenuta kienet marret l-isptar tilmenta li kellha ugiegh f'sidirha u palpitazzjonijiet[21]. Pero' ma jirriżultax li kienet inżammet l-isptar. Lanqas ma jirriżulta li l-attriċi kienet qegħda tagħmel perjodi twal assenti mix-xogħol u tirrapporta li ma tiflaħx.

22. Li l-konvenuta kienet imdejqa fil-post tax-xogħol jirriżulta wkoll mid-deposizzjoni ta' ommha Maria Stella Greaves[22].

23. Minn dak li fehmet il-qorti, il-post tax-xogħol fejn kienet taħdem il-konvenuta kien ambjent fejn hemm pressjoni fuq l-impjegat. F'dan ir-rigward tagħmel per eżempju riferenza għall-affidavit ta' Clara Farrugia. L-impjegati jridu wkoll jilħqu targets fix-xahar li huma għoljin. F'dan ir-rigward il-konvenuta qalet, *"Every girl in the shop was expected to reach a target of €6,000 sales per*

[21] Fol. 157.
[22] Fol. 167.

*month"*. Clara Farrugia xehedet li kienet impjegata *part-time* mas-soċjeta attriċi u *"Kien hemm pressure kbir ukoll biex nagħmel ċertu ammont ta' sales"*. Żiedet li s-sales target kien €6,000, li l-qorti fehmet li hu target ta' xahar. Kompliet li, *"Minghandi avolja kont part-timer kien jippretendi l-istess ammont ta' sales li kienu jagħmlu full-timers"*.

24. Mhux kulhadd kapaċi jirrispondi bl-istess mod għall-pressjoni ta' xogħol. F'rapport datat 16 ta' Diċembru, 2012 Edwina Busuttil tat rendikont tal-bejgħ li għamlet il-konvenuta matul ix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru. Miċ-ċifri hu evidenti li għallinqas f'dak iż-żmien il-konvenuta kienet qegħda ssibha diffiċli tlaħħaq is-*sales target* li kien impona l-prinċipal. Fil-fatt f'dan ir-rapport saret ħafna enfażi li l-konvenuta mhijiex tilħaq it-target u ghandha bżonn tagħmel sforz biex tbiegħ iktar.

25. L-attriċi xehedet:

> *"Later on in my employment with Inglot I was promoted to senior make-up artist to replace who had lef (as she couldn't take it any more either – Sandy Mallia)* ***and I was given a raise of a mere €50 per month with my target being increased to €100,000 a year****. My position was subject to 6-months probation with the position being lost if the target was not reached....*
>
> *This promotion was given to me in June, 2012 and one month earlier I had been admitted to hospital suffering from severe palpitations which all resulted to be stress induced"*.

Verżjoni li ma gietx kontestata. Fil-fatt jirriżulta li l-konvenuta qatt ma sarilha kontro-eżami. Pero' jibqa' l-fatt li hu evidenti li l-konvenuta ma rrifjutatx il-promozzjoni. Il-qorti tifhem li l-konvenuta riedet ittejjeb il-posizzjoni tagħha, pero' dan ovvjament wassal sabiex poġġiet iktar stress fuqha. Dan meta tqies li l-konvenuta qalet li t-target ta' €6,000 kien diġa *"Another source of stress"*.

26. L-ewwel qorti kkonkludiet li:-

> *"m'hemmx dubju li ċ-ċertifikazzjoni medika li iġġib dati differenti waqt l-impieg li l-konvenuta kellha mas-soċjeta attriċi jikkonfermaw li effettivament il-konvenuta kellha problemi ta' saħħa u kif ġie suġġerit lilha mill-psikjatra hija kellha tbiddel l-impieg tagħha"*.

Miċ-ċertifikat ta' Dr George Debono jirriżulta li kien it-tabib tal-konvenuta li rreferiha għall-konsulta *"for an acute anxiety/depression"*. Fil-fatt il-psikjatra kkonferma li l-konvenuta kellha ***"signs and symptoms of acute anxiety with regular depressive moods"*** u parti mill-kura kellha tkun li tibdel l-impieg tagħha. Hu veru li l-psikjatra ħareġ dan iċ-ċertifikat wara li jidher li ra lill-konvenuta f'okkazzjoni waħda biss. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li l-

opinjoni tiegħu għandha tiġi skartata. M'hemm l-ebda prova medika li d-dijanjożi li għamel Dr Debono ma tistax issir f'darba jew li kienet żbaljata.

27. Mill-provi mhuwiex ċar li l-konvenuta infurmat lis-superjuri tagħha bil-problemi ta' saħħa li kellha, u jidher li l-konvenuta ħatfet il-parir tat-tabib u rriżenjat. Il-konvenuta iddikjarat, *"The situation there was completely unbearable and so, like a lot of other colleagues of mine (all of whom have or are still being sued by our employer) I had no other option but to leave my work"*. Din hi l-posizzjoni soġġettiva tal-konvenuta, fis-sens li kienet tqies li fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm skop li tkompli taħdem mal-attriċi. Pero' biex tirnexxi din id-difiża l-konvenuta kellha turi li kien hemm ksur tal-kuntratt da parti tal-prinċipal (ara teżi ta' Dr Christine Calleja, *Furthering the Case For Constructive Dismissal in Malta*[23], paġna 42). F'dan il-kuntest il-qorti tirreferi wkoll għal dak li qal l-awtur Selwyn, *Law of Employment*[24] dwar *constructive dismissal:*

> *"The test for constructive dismissal was to be determined by the contract test , he did the employer's conduct amount to a breach of contract which entitled the employee to resign. The 'unreasonable conduct' theory was dismissed as leading to a finding of constructive dismissal on the most whimsical grounds. Since there had been no breach of contract by the employers in Sharp's case (for the employers were under no contractual obligation to make the payments which were requested) there was no dismissal constructive or otherwise"*.

28. Mill-osservazzjonijiet li saru hawn fuq il-qorti mhijiex konvinta li l-ilmenti tal-konvenuti ġew sufficjentement ippruvati tali li l-qorti kellha tikkonkludi li dan kien każ ta' *constructive dismissal*. Fil-fehma tal-qorti hemm wisq ċirkostanzi li jirreferu għall-aħħar sena ta' impieg tal-konvenuta, li jikkontradiċu diversi ilmenti li l-konvenuta semmiet fl-affidavit. Għal dak li jirrigwarda stress, li evidentement kellha fil-post tax-xogħol, lanqas mhemm provi li kienet qegħda tilmenta mad-diretturi tal-kumpanniji sabiex per eżempju jirrevedu t-targets, jagħtuha iktar għajnuna jew inaqqsulha x-xogħol.

29. Fil-kawża l-konvenuta ma ddefendietx ruħha billi nvokat eċċezzjoni ta' *constructive dismissal* iżda li kellha, *"raġunijiet validi u sufficjenti fil-liġi sabiex ma tkomplix fl-impieg tagħha mas-soċjeta' rikorrenti"* (ara tieni eċċezzjoni)[25]. Difiża li hi iktar wiesa' minn dik ta' *constructive dismissal*, fejn il-ġurisprudenza stabbiliet li biex tirnexxi jrid ikun hemm ksur tal-kuntratt ta' impieg min-naħa tal-prinċipal. Fil-fatt f'dawk il-każijiet huwa l-impjegat li għandu dritt li jħarrek lill-prinċipal. Fis-sentenza appellata l-qorti għamlet riferenza għas-sentenza

[23] Sena 2011.
[24] Erbatax-il edizzjoni.
[25] Ara risposta a fol. 11.

**Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck** (23 ta' Novembru, 2005), fejn din il-qorti qalet:

> *"Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza jirritjenu li l-kunċett "tar-raġuni tajba u biżżejjed", mhux definit mil-liġi, hu ravviżat f'dawk il-fatti u mġieba tali li jġibu t-tnaqqis ta' dik il-fiduċja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport prinċipal-impjegat.* ***Oltre l-inadempjenza kuntrattwali per se, fir-raġuni tajba jirrientraw fatti kemm soġġettivi kif ukoll objettivi****. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment għal dak dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azjenda jew stabbiliment, u mhux lanqas il-portata soġġettiva tal-fatt innifsu, ossija ċ-ċirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita tagħhom, kompriż kull aspett ieħor korrelat li jista' jinċidi negattivament fuq ir-rapport".*

30. Irriżulta li fiż-żmien li telqet mix-xogħol, il-konvenuta kienet ġiet *diagnosed* li kellha *"signs and symptoms of acute anxiety with regular depressive moods"*. Il-psikjatra li eżaminaha wasal għal konklużjoni li dawn il-problemi kienu relatati mal-ambjent tax-xogħol fejn qegħda taħdem. Kien hu li bħala parti mill-kura ta l-parir lill-konvenuta li titlaq mix-xogħol. Dr Debono ma sarlux kontro-eżami, u kif diġa osservat m'hemmx prova li tikkontradiċi d-dijanjożi li għamel. Hu għalhekk evidenti li minħabba raġunijiet ta' saħħa ma kienx possibbli li tkompli taħdem mal-attriċi. Wieħed jista' jargumenta li mhemmx prova li l-konvenuta infurmat lill-prinċipal bil-problema ta' saħħa li kellha sabiex jieħu l-passi li kien hemm bżonn. Pero' l-indikazzjoni hi li dan ma kienx ser jagħmel wisq differenza meta tqies dak li rrakontat il-konvenuta dwar ir-reazzjoni li kellu Colin Aquilina meta tat l-avviz li ser titlaq mix-xogħol; *"Colin Aquilina was furious and told me that I had three days to think about it and reverse my decision as otherwise he would destroy* (me) – *'inkissrek, nohodlok kull ma għandek'* (paragrafu qabel tal-aħħar tal-affidavit). Wieħed jista' jargumenta wkoll li din kienet biss reazzjoni spirtu pront hekk kif Aquilina sar jaf bl-avviż. Pero' jidher li xejn ma nbidel meta jumejn wara saret laqgħa bejn Aquilina u l-konvenuta. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tqies li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta hi ġustifikata u għalhekk m'hijiex debitriċi tal-attriċi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-soċjeta appellanti.**

Anthony Ellul.